MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 173/2010

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Nokia Corporation.**

**vs**

**Dr. Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b'digriet tat-27 ta' Mejju 2010 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti kunsinjatarji M.B.M.T. u NOUR LINE ghal kull intress li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors guramentat tal-Avukat Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta estera Nokia Corporation datat 14 ta' Novembru 2008 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-esponenti gie mahtur mandatarju tas-socjeta` estera Nokia Corporation ta’ Keilalahdentie 4, 02150 Espoo, Finland, sabiex jirrapprezenta l-azzjonijiet gudizzjarji necessarji sabiex jigu protetti l-interessi taghhom.

Illi s-socjeta` rikorrenti hija l-proprjetarja tad-drittijiet registrati l-Ufficcju tal-Proprjeta` Industrijali ta’ Malta msejha ‘NOKIA’, liema dritt gie registrat f’Malta fit-tmintax (18) ta’ Ottubru elfejn u wiehed (2001), u moghtija n-numru ta’ registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok. “NC 1” u “NC 2”).

Illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) r-rikorrenti *nomine* gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numri ECMU 8013980 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM DON GIOVANNI liema vapur kien gej minn Nansha, Cina fi triqtu lejn Tunis, Tunisia u l-*container* kien fih tlettax-il elf, hames mija u disghin (13,590) accessoriji tal-*mobile phone inkluz batteriji, chargers, covers u earphones* (Dok ‘NC 3’) kollha bil-marka ‘NOKIA’ u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta’ proprjeta` intelletwali.

Illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numri ECMU 8044023 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM DON GIOVANNI liema vapur kien gej minn Nansha, Cina fi triqtu lejn Tunis, Tunisia u l-*container* kien fih total ta’ ghaxart elef u hames mitt (10,500) *mobile phone covers u pockets* (Dok ‘NC 4’) kollha bil-marka ‘NOKIA’ u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta’ proprjeta` intelletwali.

Illi mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* u wara li l-istess gew ezaminati minn rapprezentanti specjalizzati ta’

Nokia Corporation, fejn gie determinat li dawn l-accessoriji tal-*mobile phone* u l-ippakkeggjar tal-istess hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Nokia Corporation, u li l-imsemmija *trademarks* ta' Nokia Corporation riprodotti fuq l-istess accessoriji tal-*mobile phone* u l-ippakkeggjar kienu kontrafatti u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intelletwali ta' Nokia Corporation u r-rapport tal-istess mmarkat u anness bhala Dok. 'NC 5'.

Illi r-rikorrenti *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata gewwa Malta sabiex a tenur tal-**artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta u l-Kontrollur tad-Dwana laqa` din it-talba li jinzammu dawn il-accessoriji tal-*mobile phone* u l-ippakkeggjar tal-istess.

Illi din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija fiz-zewg *containers* huwa NOUR LINE P/C M.B.M.T minn Tunis, Tunisia u dan skont dak citat fiz-zewg poloz ta' taghbija numru GGZ0286561 (Container ECMU 8013980) u SHZ0912939 (Container ECMU 8044023) (Dok 'NC 6' + 'NC 7').

Illi, l-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 4 tal-Kap 414 tal-Ligijiet ta' Malta**, kif ukoll ta' l-**artikolu 10 (2) (b) tal-Att Dwar it-*Trademarks* (Kap 416)** u huma azzjonabbli b'applikazzjoni tad-disposizzjonijeit rilevanti tal-**artikoli 14 - 19 tal-istess Kap 416 u l-artikoli 7 u 8 tal-istess Kap 414.**

Illi s-socjeta` rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha.

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` rikorrenti talbet lill-entitajiet intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f'tlettax-il elf, hames mija u disghin (13,590) accessoriji tal-*mobile phone inkluz batteriji, chargers, covers u earphones* (Dok 'NC 3') u ghaxart elef u hames mitt (10,500) *mobile phone covers u pockets* (Dok 'NC 4') kollha bil-marka 'NOKIA', u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx taz-zewg *containers* bin-numri ECMU 8013980 u ECMU 8044023 kontenenti l-imsemmija -accessoriji tal- *mobile phone* u l-ippakkeggjar tal-istess, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjeta` intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tas-segwenti : t-*trademarks* taghha lokalment registrati 'NOKIA' moghtija n-numru ta' registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok 'NC 1' u 'NC 2').

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali accessoriji tal-*mobile phone* u l-ippakkeggjar tal-istess, 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b'dak il-mod li jipprekludu xi hsara lir-rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-accessorji tal-*mobile phone* u l-ippakkeggjar tal-istess, f'kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati.

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija accessoriji tal-*mobile phone* u l-ippakkeggjar tal-istess, ghall-hazna f'Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta' distruzzjoni inkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess accessoriji tal-*mobile phone* u l-ippakkeggjar tal-istess.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda (fol. 3) u seba' (7) dokumenti li huma esebiti u mmarkati minn Dok. "NC 1" sa Dok. "NC 7" kif jidhru minn fol. 5 sa fol. 12 tal-process.

Rat id-digriet datat 27 ta' Mejju 2010 fejn gew nominati l-kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-entita` intimata.

Rat li dan ir-rikors giet appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-21 ta' Ottubru 2010, b'dan illi l-Qorti ordnat lis-socjeta` attrici sabiex sa zmien tletin (30) gurnata minn dak inhar stess tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura tal-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami.

Rat li r-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 7 ta' Lulju 2010 (fol. 29) fejn ecceppew:-

(1) Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw qeghdin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f' kaz ujekk jigu edotti mill-fatti.

Rat il-lista ta' xhieda tal-istess kuraturi a fol. 30 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-21 ta' Ottubru 2010 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Ottubru 2010.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fl-25 ta' Jannar 2010 r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numri ECMU 8013980 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-

vapur CMA CGM DON GIOVANNI liema vapur kien gej minn Nansha, Cina fi triqtu lejn Tunis, Tunisia u l-*container* kien fih tlettax-il elf, hames mija u disghin (13,590) accessorjiji tal-*mobile phone inkluz batteriji, chargers, covers u earphones* (Dok 'NC 3') kollha bil-marka 'NOKIA' u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intelletwali. Dan jirrizulta kkonfermat mill-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana George Agius datat 21 ta' Lulju 2010 (fol. 34).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li fis-26 ta' Jannar 2010 l-istess r-rikorrenti *nomine* gie nfurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-*container* bin-numri ECMU 8044023 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM DON GIOVANNI liema vapur kien gej minn Nansha, Cina fi triqtu lejn Tunis, Tunisia u l-*container* kien fih total ta' ghaxart elef u hames mitt (10,500) *mobile phone covers u pockets* (Dok 'NC 4') kollha bil-marka 'NOKIA' u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta' proprjeta` intelletwali. Dan jirrizulta wkoll ikkonfermat mill-affidavit tal-ufficjal tad-dwana George Agius datat 21 ta' Lulju 2010 (fol. 34).

Illi jirrizulta wkoll li mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti *nomine* u wara li l-istess gew ezaminati minn rapprezentanti specjalizzati ta' Nokia Corporation, gie determinat li dawn l-accessorjiji tal-*mobile phone* u l-ippakkeggjar tal-istess mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta' Nokia Corporation, u li l-imsemmija *trademarks* ta' Nokia Corporation riprodotti fuq l-istess accessorjiji tal-*mobile phone* u l-ippakkeggjar kienu kontrafatti u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta intelletwali ta' Nokia Corporation u dan kif jirrizulta mir-rapport datat 22 ta' Frar 2010 immarkat bhala Dok. 'NC 5' u mix-xhieda l-ohra prodotti nkluzi dawk ta' Dr. Peter Fenech (fol. 33).

Illi tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u jirrizulta wkoll li l-istess merkanzija kienet destinata ghall-intimat jew intimati odjerni (Dok. “NC 7”) u ghalhekk il-pretensjonijiet attrici gew ilkoll ippruvati u t-talbiet attrici qed jigu milqugha fis-sens hawn deciz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati datata 7 ta’ Lulju 2010 biss in kwantu l-istess huma nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’tlettax-il elf, hames mija u disghin (13,590) accessoriji tal-*mobile phone inkluz batteriji, chargers, covers u earphones* (Dok ‘NC 3’) u ghaxart elef u hames mitt (10,500) *mobile phone covers u pockets* (Dok ‘NC 4’) kollha bil-marka ‘NOKIA’, u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx taz-zewg *containers* bin-numri ECMU 8013980 u ECMU 8044023 kontenenti l-imsemmija -accessoriji tal- *mobile phone* u l-ippakkeggjar tal-istess, huma kontrafatti u jikkontravjenu d-drittijiet ta’ proprjeta` intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tas-segwenti : t-*trademarks* taghha lokalment registrati ‘NOKIA’ moghtija n-numru ta’ registrazzjoni 33323 u 33324 (Dok ‘NC 1’ u ‘NC 2’).

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din id-decizjoni jiddistruggi minn tali accessoriji tal-*mobile phone* u l-ippakkeggjar tal-istess, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez tal-intimati.

3. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati *ai termini* tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport tal-imsemmija accessoriji tal-*mobile phone* u l-ippakkeggjar tal-istess, ghall-hazna f’Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-

trasport mil-lok tal-hazna ghal-lok eventwali ta’ distruzzjoni inkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali tal-istess accessoriji tal-*mobile phone* u l-ippakkeggjar tal-istess.

Bl-ispejjez kontra l-entitajiet/socjetajiet intimati b’dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------